# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-2 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 308/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MB**

**Vs**

**FN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB datat 1 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-wiehed u tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (31/05/2013) u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru tmienja, tlieta, seba tas-sena elfejn u tlettax (837/2013) anness u mmarkat bhala 'Dok A'.*

2. *Ili minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel, IN, imwieled f'X u li ghadu minorenni.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' firda personali data ghaxra ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (10/09/2019) anness u mmarkat bhala 'Dok B'.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante l-fatt illi huma qeghdin jghixu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni bonarja.*

5. *Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku*

*bejniethom.*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi sabiex jigi pronunzjat id-divorzju ta' bejniethom u dana ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi ma dan ir-rikors guramentata r-rikorrenti qieghed ukoll jannetti l-affidavit tieghu nnifsu bhala 'Dok C'.*

*Tghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg ta' bejniethom minnhom kuntrattat fil-wiehed u tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (31/05/2013);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar l-1 ta' Awwissu 2022, l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu wiegeb li ma kienx jehtieg assistenza legali u li ma kellux oggezzjoni ghad-divorju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet fejn iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet izzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2013 u li minn

dan iz-zwieg kellhom tifel, ghadu minorenni. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar l-10 ta' Settembru 2019. Ikkonfermat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll ma hemm ebda pendenza ta' manteniment dovut.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 30) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 1061/2013 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 20). Minn dan iz-zwieg kellhom wild li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar l-10 ta' Settembru 2019 (vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1061/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**